KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 7 ta' April 2009 (21.04)
(OR. en)

8589/09

PUBLIC 51

**NOTA**

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TA' ATTI TAL-KUNSILL FRAR 2009

Dan id-dokument jikkonsisti f'dan li ġej:

– ANNESS I li fih lista ta' atti adottati mill-Kunsill fi Frar 2009.[1] [2]

– ANNESS II li fih aktar dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn l-atti. Il-PARTI I tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni tal-atti leġislattivi, bħad-data tal-adozzjoni, il-laqgħa rilevanti tal-Kunsill, in-numru tad-dokument adottat, u skont il-każ, ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni, l-ispjegazzjonijiet tal-vot u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill. Il-PARTI II tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni tal-atti oħrajn li l-Kunsill iddeċieda li jippubblika.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz tal-Internet (http://consilium.europa.eu); ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Sommarju tal-Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill (Aċċess għal dokumenti tal-Kunsill: Reġistru Pubbliku).

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet bağitarji speċifiċi, eċċ.

[2] Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati b'kodeċiżjoni, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill fejn ġie adottat l-att leġislattiv u d-data reali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi b'kodeċiżjoni jitqiesu adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u s-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

Għandu jiġi nnotat li huma awtentiċi biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti leġislattivi. Dawn huma disponibbli permezz tal-Internet (http://consilium.europa.eu); ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Minuti tal-Kunsill".

---

# LISTA TA' ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL

# FI FRAR 2009

**L-2922 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fi Brussell fl-10 ta' Frar 2009**

*2009/118/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal- 10 ta' Frar 2009 li tawtorizza lir-Repubblika Ċeka u lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja biex japplikaw miżuri ta' deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud*
ĠU L 41, 12.2.2009, p. 12-15

*Konklużjonijiet tal-Kunsill (Ecofin) dwar ir-rapport ta' progress tar-Reviżjoni tas-Suq Uniku*
5637/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-SEPA*
5936/09 + COR 1 + COR 2 (ro)

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar linji gwida komuni għan-naħat nazzjonali u l-ħruġ tal-muniti tal-euro intenzjonati għaċ-ċirkolazzjoni*
5615/09

*Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/116/PESK tal-10 ta' Frar 2009 li testendi u temenda l-Pożizzjoni Komuni 2004/133/PESK dwar miżuri restrittivi kontra estremisti f'dik li Qabel Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM)*
ĠU L 40, 11.2.2009, p. 56-57

*2009/171/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 li temenda l-Anness 2, Skeda A, tal-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar viżi għall-missjonijiet diplomatiċi u postijiet konsulari, fir-rigward tal-ħtieġa ta' viża għal detenturi ta' passaport diplomatiku u ta' servizz Indoneżjan*
ĠU L 61, 5.3.2009, p. 17-18.

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ftehim mal-Liechtenstein kontra l-frodi*
6116/09

*Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri relatata mal-attivitajiet tas-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2007*
5047/09

*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (is-Seba' EDF) għas-sena finanzjarja 2007*
ĠU L 40, 11.2.2009, p. 35-35.

*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (it-Tmien EDF) għas-sena finanzjarja 2007*
ĠU L 40, 11.2.2009, p. 36-36.

*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (id-Disa' EDF) għas-sena finanzjarja 2007*
ĠU L 40, 11.2.2009, p. 37-37.

*Dikjarazzjoni Konġunta Tripartitika li tistabbilixxi "Jum Ewropew tal-112"*
6178/09

**L-2923 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ u KULTURA), li saret fi Brussel fis-16 ta' Frar 2009**

Direttiva tal-Kunsill li timplimenta l-Ftehim konkluż mill-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006, u li temenda d-Direttiva 1999/63/KE
5010/09

*Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 999/2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered, rigward is-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni*
PE-CONS 3693/1/08 REV 1

*Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 13/2009 adottata mill-Kunsill fis-16 ta' Frar 2009, bi qbil mal-proċedura msemmija f'Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
ĠU C 75E, 31.3.2009, p. 58-66

*Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill fis-16 ta' Frar 2009 bil-ħsieb li tiġi adottata d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2002/21/KE dwar qafas regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, 2002/19/KE dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati, u 2002/20/KE dwar l-awtorizzazzjoni ta' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi*
16496/1/08 REV 1 + REV 2 (da)

*Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill fis-16 ta' Frar 2009 bil-ħsieb li tiġi adottata d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, id-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni bejn awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet għall-protezzjoni tal-konsumatur (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
16497/1/08 REV 1

*Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 14/2009 adottata mill-Kunsill fit-16 ta' Frar 2009, bi qbil mal-proċedura msemmija f'Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Grupp ta' Regolaturi Ewropej fit-Telekomunikazzjoni (GERT) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
ĠU C 75E, 31.3.2009, p. 67-73

*Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta numru ta' atti soġġetti għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE fir-rigward tal-proċedura regolatorja bi skrutinju - Parti Tnejn*
PE-CONS 3692/2/08 REV 2

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea dwar kooperazzjoni fir-rigward ta' attivitajiet anti-kompetittivi*
16244/08 + COR 1 + REV 1 (sk)

*Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/134/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għas-Sudan*
ĠU L 46, 17.2.2009, p. 57–60

*Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/129/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fl- ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM)*
ĠU L 46, 17.2.2009, p. 40–42

*Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/131/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-kriżi fil-Ġeorġja*
ĠU L 46, 17.2.2009, p. 47–49

*Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/130/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Ażja Ċentrali*
ĠU L 46, 17.2.2009, p. 43–46

*Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/133/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar*
ĠU L 46, 17.2.2009, p. 53–56

*Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/132/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika tal-Moldova*
ĠU L 46, 17.2.2009, p. 50–52
*Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/128/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Lagi l-Kbar Afrikani*
ĠU L 46, 17.2.2009, p. 36–39

*Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/136/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani*
ĠU L 46, 17.2.2009, p. 65–68

*Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/135/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan*
ĠU L 46, 17.2.2009, p. 61–64

*Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/138/PESK tas-16 ta' Frar 2009 dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2002/960/PESK*
ĠU L 46, 17.2.2009, p. 73–75

*Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/137/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo*
ĠU L 46, 17.2.2009, p. 69–72

*Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/139/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li ġġedded miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova*
ĠU L 46, 17.2.2009, p. 76–78

*2009/246/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2009 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll mal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Unjoni Ewropea*
*ĠU L 73, 19.3.2009, p. 19–19*

*2009/153/KE,Euratom: Deċiżjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni tas-16 ta' Frar 2009 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea*
ĠU L 51, 24.2.2009, p. 8–9

*2009/170/KE,Euratom: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2009 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej fir-rigward tas-sistema lingwistika applikabbli għall-appelli kontra d-deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea*
ĠU L 60, 4.3.2009, p. 3–4

**L-2924 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA), li saret Brussel fid-19 ta' Frar 2009**

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 153/2009 tad-19 ta' Frar 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3/2008 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi*
ĠU L 51, 24.2.2009, p. 1–2

*Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 638/2004 fuq l-istatistiċi Komunitarji rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn Stati Membri*
PE-CONS 3706/2/08 REV 2

*Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar Statistika tal-Komunità u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Isvizzera)*
PE-CONS 3708/2/08 REV 2
*Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-imposti tal-ajruporti (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
ĠU L 70, 14.3.2009, p. 11–16

*2009/144/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Frar 2009 li testendi l-perijodu ta' applikazzjoni tal-miżuri fid-Deċiżjoni Nru 2002/148/KE li tikkonkludi l-konsultazzjonijiet maż-Żimbabwe taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija tal-ACP-KE*
ĠU L 49, 20.2.2009, p. 15–17

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-tieni Analiżi Strateġika dwar l-Enerġija - Pjan ta' Azzjoni tal-UE għas-sigurtà u s-solidarjetà tal-enerġija"*
6692/09

**L-2925 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fi Brussell fis-23 ta' Frar 2009**

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 154/2009 tat-23 ta' Frar 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1859/2005 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tal-Użbekistan*
ĠU L 51, 24.2.2009, p. 3–5

*Abbozz ta' Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea (adottat mill-Kunsill fit-23 ta' Frar 2009) (tagħmir kopert mill-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll tal-esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari) (aġġornament u sostituzzjoni tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea adottata mill-Kunsill fit-3 ta' Marzu 2008) (PESK)*
ĠU C 65, 19.3.2009, p. 1–34

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iraq*
6580/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sri Lanka*
6526/09 + COR 1 (es)

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 160/2009 tat-23 ta' Frar 2009 li jemenda l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għal Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej*
ĠU L 55, 27.2.2009, p. 1–8

*Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għar-raba' laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Libanu (Brussell, 23 ta' Frar 2009)*
6441/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u ta' Verifika għall-Bulgarija u r-Rumanija*
6694/09

**L-2927 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI), li saret fi Brussel fis-26 u s-27 ta' Frar 2009**

*Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju ta' informazzjoni estratta minn rekords kriminali bejn Stati Membri*
13017/08 + COR 1 (pl) + COR 2 + COR 3 (es) + COR 4 (fi) + REV 1 (hu) + REV 1 COR 1 (hu)

*Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 li temenda d-Deċiżjonijiet Kwadru 2002/584/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI u 2008/947/ĠAI, u b'hekk issaħħaħ id-drittijiet proċedurali ta' persuni, li trawwem l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' deċiżjonijiet mogħtija fl-assenza tal-persuna konċernata fil-kawża*
ĠU L 81, 27.3.2009, p. 24–36

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (Verżjoni kodifikata)*
ĠU L 84, 31.3.2009, p. 1–17

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 169/2009 tas-26 ta' Frar 2009 li japplika r-regoli tal-kompetizzjoni għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u permezz tal-passaġġi fuq l-ilma interni (Verżjoni kodifikata) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
ĠU L 61, 5.3.2009, p. 1–5

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark Komunitarja (Verżjoni kodifikata) Test b'rilevanza għaż-ŻEE*
ĠU L 78, 24.3.2009, p. 1–42

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 246/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81 (3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma bejn il-kumpanniji marittimi tal-linja (consortia) (Verżjoni kodifikata)*
ĠU L 79, 25.3.2009, p. 1–4

*Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sottomissjoni ta' statistika nominali dwar il-qabda mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti zoni barra dawk tal-Atlantiku tat-Tramuntana (Tfassil mill-ġdid) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
PE-CONS 3620/2/08 REV 2

*Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mibgħuta mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku (Tfassil mill-ġdid) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
PE-CONS 3633/3/08 REV 3

*Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika nominali tal-qabda mibgħuta mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal tal-Atlantiku (Tfassil mill-ġdid) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
PE-CONS 3648/2/08 REV 2
*Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2150/2002 dwar l-istatistika tal-iskart, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
PE-CONS 3694/1/08 REV 1

*Direttiva 2009/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 li temenda d-Direttiva 94/19/KE dwar skemi ta' garanzija għal depożiti fir-rigward tal-livell ta' kopertura u taż-żmien għar-rimbors (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
ĠU L 68, 13.3.2009, p. 3–7

*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet awtorizzati li jagħmlu spezzjonijiet u perizji tal-bastimenti u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi*
*(Tfassil mill-ġdid) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
PE-CONS 3719/08 + COR 1 (da) + REV 1 (fi)

*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet awtorizzati li jagħmlu spezzjonijiet u perizji tal-bastimenti u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi*
PE-CONS 3720/08 + REV 1 (fi) + REV 1 COR 1 (fi)

*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (tfassil mill-ġdid) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
PE-CONS 3721/08 + REV 1 (pt)

*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2002/59/KE li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
PE-CONS 3722/1/08 REV 1 + REV 2 (pt)

*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u li temenda d-Direttivi 1999/35/KE u 2002/59/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
PE-CONS 3723/08 + REV 1 (fi)

*Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
PE-CONS 3724/08 + COR 1 (da) + COR 2 (fi)

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Qorti*
16248/08 + COR 1 (de) + COR 2 (da) + COR 3 (fi) + COR 4 (bg) + COR 5 (en)

*2009/167/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2009 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Marzu 2000 li tawtorizza lid-Direttur tal-Europol jidħol f'negozjati dwar ftehimiet ma' Stati terzi u korpi mhux relatati mal-UE*
ĠU L 56, 28.2.2009, p. 15–15

*Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni Nru 198 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-laundering, it-tfittxija, is-sekwestru u l-konfiska tar-rikavati mill-kriminalità u dwar il-finanzjament tat-terroriżmu*
16695/08

*Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2009 li jappoġġaw il-ħidma leġislattiva tal-Kunsill tal-Ewropa fil-qasam tal-ġustizzja kriminali*
ĠU C 50, 3.3.2009, p. 8–8

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-SIS II*
6896/09

*Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/293/PESK tas-26 ta' Frar 2009 dwar Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Kenja dwar il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet tat-trasferiment ta' persuni suspettati li kkommettew atti ta' piraterija u li nżammu mill-Forzi Navali mmexxija mill-Unjoni Ewropea (EUNAVFOR), u proprjetà maqbuda fil-pussess tal-EUNAVFOR, mill-EUNAVFOR lill-Kenja u għat-trattament tagħhom wara tali trasferiment*
ĠU L 79, 25.3.2009, p. 47–59

*Pożizzjoni komuni tal-Kunsill 2009/164/CFSP tat-26 ta' Frar 2009 li ġġedded il-miżuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY)*
ĠU L 55, 27.2.2009, p. 44–44

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra*
8161/06

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea*
7999/08

| **INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI FRAR 2009** | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **L-2922 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fi Brussell fl-10 ta' Frar 2009** | | | |
| 2009/118/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 li tawtorizza lir-Repubblika Ċeka u lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja biex japplikaw miżuri ta' deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud | 5199/09<br>+ COR 1 (de) | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| **L-2923 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ u KULTURA), li saret fi Brussel fis-16 ta' Frar 2009** | | | |
| Direttiva tal-Kunsill li timplimenta l-Ftehim konkluż mill-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006, u li temenda d-Direttiva 1999/63/KE | 5010/09 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 999/2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered, rigward is-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni | PE-CONS 3693/1/08 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>FRAR 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 13/2009 adottata mill-Kunsill fis-16 ta' Frar 2009, bi qbil mal-proċedura msemmija f'Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | 15248/2/08 REV 2<br>+ COR 1 (fr) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>kontra: DE |
| **Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża**<br>Il-Ġermanja ma tistax taqbel mal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill f'dan il-mument. Ir-regoli dwar l-iskambju ta' data elettronika bejn l-Istati Membri jeħtieġu definizzjoni ulterjuri sabiex jiġu esklużi riskji mhux prevedibbli, speċjalment għall-amministrazzjoni doganali. Għad iridu jinstabu soluzzjonijiet prattikabbli. | | | |
| Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill fis-16 ta' Frar 2009 bil-ħsieb li tiġi adottata d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2002/21/KE dwar qafas regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, 2002/19/KE dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati, u 2002/20/KE dwar l-awtorizzazzjoni ta' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi | 16496/1/08 REV 1<br>+ REV 2 (da) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>astensjoni: UK, SE, NL |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>FRAR 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |

**Dikjarazzjoni mill-Gvernijiet tal-Isvezja u tar-Renju**
**dwar Direttiva għal Regolamentazzjoni Aħjar, reviżjoni tal-qafas elettroniku**

Il-Ministri tal-Isvezja u tar-Renju Unit astjenew fil-votazzjoni tal-Kunsill li saret fis-27 ta' Novembru 2008 dwar id-Direttiva għal Regolamentazzjoni Aħjar, sabiex jippermetti r-reviżjoni tal-Qafas ta' Komunikazzjoni Elettronika jgħaddi 'l quddiem għat-tieni qari. Aħna weġibna b'mod pożittiv għall-ittra riċenti mir-relaturi tal-Parlament Ewropew u mill-presidenti tal-Kumitati, billi tlabna lill-Ministri kollha sabiex jippermettulhom li jibdew diskussjonijiet mal-Presidenza u mal-Kummissjoni. Aħna ser inkomplu naħdmu mill-qrib mal-Presidenza Franċiża u dik tar-Repubblika Ċeka.

Madankollu, iż-żewġ Gvernijiet għadhom konsiderevolment imħassbin dwar it-testi attwali tal-Kunsill, u se jkunu qed jippruvaw itejbu l-oqsma li ġejjin:

- għall-ġestjoni tal-ispettru mill-Istati Membri biex isegwu l-prinċipji ta' newtralità tat-teknoloġija u tas-servizz, u biex ma jkunux limitati billi jagħtu preċedenza legali lir-Regolamenti dwar ir-Radju tal-UIT (Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni) fil-liġi Ewropea (Artikolu 9 tad-Direttiva Qafas);
- fir-rigward tal-iskambju tal-ispettru, l-inklużjoni ta' aktar flessibbiltà fil-proċess ta' notifika doppja li jippermetti d-diskrezzjoni tal-Istati Membri meta jiġu imposti rekwiżiti ta' notifika fuq il-parteċipanti fis-suq f'konformità mal-impenji biex jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji (Artikolu 9b tad-Direttiva Qafas);
- fir-rigward tal-awtorizzazzjoni ġenerali tal-ispettru, aħna mħassbin minħabba li t-test attwali għamilha aktar diffiċli (mhux aktar faċli kif hemm fil-proposta tal-Kummissjoni) għall-Istati Membri biex joħorġu awtorizzazzjonijiet ġenerali bi preferenza għal-liċenzji individwali fejn dan hu aktar effiċjenti (Artikolu 5 tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni);
- l-istabbiliment ta' prinċipji regolatorji għall-investiment tal-NGA (aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss) li jirriflettu l-ħtieġa għal qligħ fuq l-investiment, iżda huma ggwidati minn prinċipji ta' kompetizzjoni u jipprovdu obbligi ta' aċċess ġust (Artikolu 8 u 13 tad-Direttiva Qafas, u d-Direttiva dwar l-Aċċess);.
- is-Separazzjoni Funzjonali tinżamm bħala rimedju li jista' jiġi introdott fis-swieq nazzjonali fejn l-Istati Membri jikkonkludu li din hi l-aktar soluzzjoni adatta, mingħajr ostakoli mhux adatti jew dewmien twil li jillimita l-applikazzjoni tagħha (Artikolu 13a tad-Direttiva dwar l-Aċċess ).

Barra dan, aħna nkomplu nemmnu li huwa importanti li ż-żewġ kwistjonijiet li ġejjin jiġu żviluppati aktar biex isaħħu s-suq intern u jarmonizzaw l-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju:

- L-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali Indipendenti (NRAs), 'il bogħod mill-pressjoni politika ta' kuljum kif ukoll mill-operaturi tas-suq. Aħna nixtiequ l-parità mat-test tal-Enerġija li l-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Istati Membri kollha diġà qablu dwaru (Artikolu 3 tad-Direttiva Qafas );
- L-estensjoni tas-setgħa ta' veto tal-Kummissjoni biex tinkludi rimedji tas-suq, ibbażata fuq parir espert mill-korp konsultattiv, u l-qofol tkun Deċiżjoni tal-Kummissjoni (li torbot legalment) pjuttost milli opinjoni tal-Kummissjoni. Anki għall-NRAs biex ikunu obbligati li jikkonformaw ma' dan il-parir jew jispjegaw pubblikament għaliex qed jiddevjaw minn dan il-parir (Artikolu 7 tad-Direttiva Qafas).

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI FRAR 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |

**Spjegazzjoni tal-votazzjoni mill-Olanda**

L-Olanda għandha diffikultà kbira bir-rwol ċentrali tal-Kummissjoni Ewropea fir-regolamentazzjoni tas-swieq tat-telekomunikazzjoni. Ir-regolaturi nazzjonali għandu jkollhom aktar libertà biex jieħdu kont taċ-ċirkostanzi speċifiċi tas-suq u f'dan m'għandhomx ikunu rrevokati mill-Kummissjoni.

L-Olanda żżomm preferenza għal proċedura ta' kumitat regolatorju għat-tfassil tal-lista ta' swieq rilevanti (Artikolu 15 tad-Direttiva Qafas).

L-Olanda tagħti wkoll importanza kbira li jkun hemm kooperazzjoni tajba ma' Stati Membri oħrajn u tirrikonoxxi l-importanza li jintlaħaq qbil politiku. B'kont meħud ta' dawn il-fatturi kollha, l-Olanda qiegħda tastjeni mill-vot.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-Pożizzjonijiet Komuni adottati mill-Kunsill li jemendaw il-proposti tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-Qafas Regolatorju tal-UE għal Netwerks u Servizzi ta' Komunikazzjoni Elettronika (il-proposti għal Direttiva għal Regolamentazzjoni Aħjar, Direttiva dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini u Regolament li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea tas-Suq tal-Komunikazzjoni Elettronika).

Il-Kummissjoni tinnota b'mod partikolari li l-Pożizzjonijiet Komuni tal-Kunsill jitbiegħdu sostanzjalment mill-pożizzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni kif ukoll mill-Parlament Ewropew, partikolarment fir-rigward tal-mekkaniżmi tas-suq intern, b'mod partikolari biex ikunu żgurati rimedji regolatorji konsistenti, ir-rimedji addizzjonali tas-separazzjoni funzjonali, il-politika tal-ispettru, u t-twaqqif ta' korp regolatorju. Fir-rigward tal-korp regolatorju, il-Kummissjoni hija partikolarment imħassba li l-pożizzjoni tal-Kunsill tqajjem kwistjonijiet istituzzjonali li jikkostitwixxu ostakolu sostanzjali għal ftehim sodisfaċenti.

Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-Pożizzjonijiet Komuni tal-Kunsill jitbiegħdu mill-pożizzjonijiet tal-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew fuq numru ta' kwistjonijiet supplimentari li jaqgħu taħt iż-żewġ proposti għal Direttivi li jemendaw il-qafas regolatorju. Minkejja dan, il-Kummissjoni hi tal-fehma li d-diverġenzi li jeżistu fir-rigward tad-Direttiva proposta dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini mhumiex tal-istess daqs bħal dawk relatati mad-Direttiva proposta għal Regolamentazzjoni Aħjar u mar-Regolament propost li jistabbilixxi korp regolatorju.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tixtieq terġa' ssostni l-pożizzjoni tagħha, kif stabbilita fil-proposti emendati tagħha COM (2008) 720, 723 u 724 li tirrappreżenta pass sostanzjali 'l quddiem lejn pożizzjoni konverġenti tat-tliet istituzzjonijiet.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>FRAR 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill fis-16 ta' Frar 2009 bil-ħsieb li tiġi adottata d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, id-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni bejn awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet għall-protezzjoni tal-konsumatur (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | 16497/1/08 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>astensjoni: NL |

**Spjegazzjoni tal-votazzjoni mill-Olanda**
L-Olanda għandha diffikultà kbira bir-rwol ċentrali tal-Kummissjoni Ewropea fir-regolamentazzjoni tas-swieq tat-telekomunikazzjoni. Ir-regolaturi nazzjonali għandu jkollhom aktar libertà biex jieħdu kont taċ-ċirkostanzi speċifiċi tas-suq u f'dan m'għandhomx ikunu rrevokati mill-Kummissjoni.
L-Olanda żżomm preferenza għal proċedura ta' kumitat regolatorju għat-tfassil tal-lista ta' swieq relevanti (Artikolu 15 tad-Direttiva Qafas).
L-Olanda tagħti wkoll importanza kbira li jkun hemm kooperazzjoni tajba ma' Stati Membri oħrajn u tirrikonoxxi l-importanza li jintlaħaq qbil politiku. B'kont meħud ta' dawn il-fatturi kollha, l-Olanda qiegħda tastjeni mill-vot.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-Pożizzjonijiet Komuni adottati mill-Kunsill li jemendaw il-proposti tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-Qafas Regolatorju tal-UE għal Netwerks u Servizzi ta' Komunikazzjoni Elettronika (il-proposti għal Direttiva għal Regolamentazzjoni Aħjar, Direttiva dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini u Regolament li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea tas-Suq tal-Komunikazzjoni Elettronika).

Il-Kummissjoni tinnota b'mod partikolari li l-Pożizzjonijiet Komuni tal-Kunsill jitbiegħdu sostanzjalment mill-pożizzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni kif ukoll mill-Parlament Ewropew, partikolarment fir-rigward tal-mekkaniżmi tas-suq intern, b'mod partikolari biex ikunu żgurati rimedji regolatorji konsistenti, ir-rimedji addizzjonali tas-separazzjoni funzjonali, il-politika tal-ispettru, u t-twaqqif ta' korp regolatorju. Fir-rigward tal-korp regolatorju, il-Kummissjoni hija partikolarment imħassba li l-pożizzjoni tal-Kunsill tqajjem kwistjonijiet istituzzjonali li jikkostitwixxu ostaklu sostanzjali għal ftehim sodisfaċenti.

Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-Pożizzjonijiet Komuni tal-Kunsill jitbiegħdu mill-pożizzjonijiet tal-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew fuq numru ta' kwistjonijiet supplimentari li jaqgħu taħt iż-żewġ proposti għal Direttivi li jemendaw il-qafas regolatorju. Minkejja dan, il-Kummissjoni hi tal-fehma li d-diverġenzi li jeżistu fir-rigward tad-Direttiva dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini proposta mhumiex tal-istess daqs bħal dawk relatati mad-Direttiva għal Regolamentazzjoni Aħjar proposta u mar-Regolament propost li jistabbilixxi korp regolatorju.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tixtieq terġa' ssostni l-pożizzjoni tagħha, kif stabbilita fil-proposti emendati tagħha COM (2008) 720, 723 u 724 li tirrappreżenta pass sostanzjali 'l quddiem lejn pożizzjoni konverġenti tat-tliet istituzzjonijiet.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 14/2009 adottata mill-Kunsill fit-16 ta' Frar 2009, bi qbil mal-proċedura msemmija f'Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Grupp ta' Regolaturi Ewropej fit-Telekomunikazzjoni (GERT) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | 16498/1/08 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>astensjoni: NL |

**Spjegazzjoni tal-votazzjoni mill-Olanda**
L-Olanda għandha diffikultà kbira bir-rwol ċentrali tal-Kummissjoni Ewropea fir-regolamentazzjoni tas-swieq tat-telekomunikazzjoni. Ir-regolaturi nazzjonali għandu jkollhom aktar libertà biex jieħdu kont taċ-ċirkostanzi speċifiċi tas-suq u f'dan m'għandhomx ikunu rrevokati mill-Kummissjoni.
L-Olanda żżomm preferenza għal proċedura ta' kumitat regolatorju għat-tfassil tal-lista ta' swieq rilevanti (Artikolu 15 tad-Direttiva Qafas).
L-Olanda tagħti wkoll importanza kbira li jkun hemm kooperazzjoni tajba ma' Stati Membri oħrajn u tirrikonoxxi l-importanza li jintlaħaq qbil politiku. B'kont meħud ta' dawn il-fatturi kollha, l-Olanda qiegħda tastjeni mill-vot.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**
Il-Kummissjoni tieħu nota tal-Pożizzjonijiet Komuni adottati mill-Kunsill li jemendaw il-proposti tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-Qafas Regolatorju tal-UE għal Netwerks u Servizzi ta' Komunikazzjoni Elettronika (il-proposti għal Direttiva għal Regolamentazzjoni Aħjar, Direttiva dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini u Regolament li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea tas-Suq tal-Komunikazzjoni Elettronika).
Il-Kummissjoni tinnota b'mod partikolari li l-Pożizzjonijiet Komuni tal-Kunsill jitbiegħdu sostanzjalment mill-pożizzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni kif ukoll mill-Parlament Ewropew, partikolarment fir-rigward tal-mekkaniżmi tas-suq intern, b'mod partikolari biex ikunu żgurati rimedji regolatorji konsistenti, ir-rimedji addizzjonali tas-separazzjoni funzjonali, il-politika tal-ispettru, u t-twaqqif ta' korp regolatorju. Fir-rigward tal-korp regolatorju, il-Kummissjoni hija partikolarment imħassba li l-pożizzjoni tal-Kunsill tqajjem kwistjonijiet istituzzjonali li jikkostitwixxu ostaklu sostanzjali għal ftehim sodisfaċenti.
Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-Pożizzjonijiet Komuni tal-Kunsill jitbiegħdu mill-pożizzjonijiet tal-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew fuq numru ta' kwistjonijiet supplimentari li jaqgħu taħt iż-żewġ proposti għal Direttivi li jemendaw il-qafas regolatorju. Minkejja dan, il-Kummissjoni hi tal-fehma li d-diverġenzi li jeżistu fir-rigward tad-Direttiva dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini proposta mhumiex tal-istess daqs bħal dawk relatati mad-Direttiva għal Regolamentazzjoni Aħjar proposta u mar-Regolament propost li jistabbilixxi korp regolatorju.
F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tixtieq terġa' ssostni l-pożizzjoni tagħha, kif stabbilita fil-proposti emendati tagħha COM (2008) 720, 723 u 724 li tirrappreżenta pass sostanzjali 'l quddiem lejn pożizzjoni konverġenti tat-tliet istituzzjonijiet.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta numru ta' atti soġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE fir-rigward tal-proċedura regolatorja bi skrutinju - Parti Tnejn | PE-CONS 3692/2/08 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **L-2924 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA), li saret Brussel fid-19 ta' Frar 2009** | | | |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 153/2009 tad-19 ta' Frar 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3/2008 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi | 5600/09 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>kontra: DK |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 638/2004 fuq l-istatistiċi Komunitarji rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn Stati Membri | PE-CONS 3706/2/08 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar Statistika tal-Komunità u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom, li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistiċi tal-Komunitajiet Ewropej (Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Isvizzera) | PE-CONS 3708/2/08 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>kontra: AT |

**Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża**
Il-Ġermanja jiddispjaċiha li l-bidla li hija pproponiet għall-Artikolu 5(1) ma ġietx aċċettata, filwaqt li, minbarra dan, il-Ġermanja hija kuntenta bil-kontenut tar-Regolament.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-imposti tal-ajruporti (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3712/2/08 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>kontra: LU |

**Dikjarazzjoni mil-Latvja**
Il-Latvja tappoġġa d-Direttiva dwar l-imposti tal-ajruport u l-prinċipji li jeħtieġ jiġu rispettati mill-operaturi tal-ajruporti meta jiddeterminaw l-imposti tal-ajruport tagħhom. Madankollu, il-Latvja tikkunsidra li perijodu ta' 24 xahar mhuwiex adatt għall-implimentazzjoni tad-Direttiva.
Il-Latvja ser tniedi l-konsolidazzjoni tal-oġġetti infrastrutturali tal-ajruport kollha bħala entità waħda li ser tappella għal tibdil sostanzjali fil-leġislazzjoni u l-elaborazzjoni tal-metodoloġija l-ġdida għall-ħlasijiet għas-servizzi pprovduti minn din l-impriża. Għalhekk il-Latvja hi tal-fehma li 36 xahar hu perijodu aktar realistiku għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

**Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu**
Il-Lussemburgu jtenni li ma jistax jaċċetta d-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni hekk kif tirriżulta mill-Artikolu 1 ta' din il-proposta, peress li jqis li l-kamp ta' applikazzjoni jmur kontra l-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni, li huwa prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju, minħabba li l-applikazzjoni tiegħu timponi obbligi ġuridiċi differenti fuq ajruporti li jinsabu f'sitwazzjonijiet komparabbli.
Tul in-negozjati, il-Lussemburgu ppreżenta emendi bil-ħsieb li tiġi evitata din id-diskriminazzjoni iżda ma kiseb ebda riżultat. Huwa talab ukoll li jinżamm kriterju uniku għad-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura - in-numru ta' passiġġieri - sabiex tiġi garantita applikazzjoni uniformi tad-Direttiva u jiġu evitati differenzi mhux ġustifikati fit-trattament ibbażati unikament fuq il-pożizzjoni ġeografika ta' ajruport.
Il-Lussemburgu jiddispjaċih li ma kienx possibbli li tinstab soluzzjoni sodisfaċenti għal kwistjoni li huwa jqis ta' importanza fondamentali u jżomm id-dritt li jirrikorri għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għal rikors għal annullament sabiex tkun evitata l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni li huwa jqis diskriminatorja, disproporzjonata u mhux konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-objettiv tas-suq intern.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**
B'risposta għat-talba dwar jekk id-Direttiva dwar l-imposti tal-ajruporti tapplikax għall-ajruport ta' Ġibiltà, il-Kummissjoni b'dan tikkonferma li d-Direttiva ma tapplikax għall-ajruport ta' Ġibiltà. Id-Direttiva tapplika għal kwalunkwe ajruport bi traffiku annwali ta' aktar minn 5 miljun moviment ta' passiġġieri u għall-ajruport bl-ogħla moviment ta' passiġġieri f'kull Stat Membru. L-ajruport ta' Ġibilità ma jissodisfa l-ebda wieħed minn dawn il-kriterji u għalhekk ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

**Dikjarazzjoni konġunta mir-Renju Unit u minn Spanja**
Fid-dawl tad-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni, ir-Renju Unit u Spanja jiddikjaraw li l-kontenut ta' din il-miżura ma jaffettwax il-pożizzjoni legali rispettiva tagħhom dwar il-kwistjoni tas-sovranità dwar it-territorju fejn jinsab l-ajruport ta' Ġibiltà.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **L-2927 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI), li saret fi Brussel fis-26 u s-27 ta' Frar 2009** | | | |
| Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju ta' informazzjoni estratta minn rekords kriminali bejn Stati Membri | 13017/08<br>+ COR 1 (pl)<br>+ COR 2<br>+ COR 3 (es)<br>+ COR 4 (fi)<br>+ REV 1 (hu)<br>+ REV 1 COR 1 (hu) | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni tal-Kunsill**
Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-Istati Membri jużaw sistemi differenti għall-identifikazzjoni tal-persuna kkonċernata u dejta differenti biex ifittxu r-rekords kriminali ta' persuna speċifika, meta estratt ta' tali rekords ikun meħtieġ. Għaldaqstant, meta jseħħ skambju tal-informazzjoni abbażi ta' din id-Deċiżjoni Qafas, l-Istati Membri għandhom ikunu konxji tal-ħtiġijiet differenti ta' kull Stat Membru.

**Dikjarazzjoni tal-Kunsill**
Il-Kunsill jiddikjara li kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-limiti ta' żmien huma applikati għat-tħassir jew id-distruzzjoni ta' informazzjoni dwar kundanni trasmessi skont l-Artikolu 4(2) u mdaħħla fir-rekords kriminali tiegħu.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 li temenda d-Deċiżjonijiet Kwadru 2002/584/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI u 2008/947/ĠAI, u b'hekk issaħħaħ id-drittijiet proċedurali ta' persuni, li trawwem l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' deċiżjonijiet mogħtija fl-assenza tal-persuna konċernata fil-kawża | 11638/08<br>+ COR 1 (da)<br>+ REV 1 (lt) | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Italja**
L-Italja b'dan tiddikjara li tixtieq tagħmel użu mill-opportunità offruta mill-Artikolu 8(3) tad-Deċiżjoni Qafas. Konsegwentement, id-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika l-aktar tard mill-1 ta' Jannar 2014 għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet mogħtija fl-assenza tal-persuna konċernata waqt il-proċess, maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti Taljani.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (Verżjoni kodifikata) | 9533/08<br>+ COR 1 (lt)<br>+ COR 2 (fi)<br>+ COR 3 (et)<br>+ COR 4 (de)<br>+ COR 5 (mt)<br>+ COR 6 (sl)<br>+ COR 7 (sk) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 169/2009 tas-26 ta' Frar 2009 li japplika r-regoli tal-kompetizzjoni għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u permezz tal-passaġġi fuq l-ilma interni (Verżjoni kodifikata) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | 5059/09<br>+ COR 1 (sv)<br>+ COR 2<br>+ COR 3 (fi)<br>+ COR 4 (hu)<br>+ COR 5 (da)<br>+ COR 6 (pt)<br>+ COR 7 (et)<br>+ COR 8 (lt)<br>+ COR 9 (sl)<br>+ COR 10 (hu)<br>+ REV 1 (nl) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark Komunitarja (Verżjoni kodifikata) Test b'rilevanza għaż-ŻEE | 17435/08<br>+ COR 1 (da)<br>+ COR 2 (es)<br>+ COR 3 (el)<br>+ COR 4 (et)<br>+ COR 5 (nl)<br>+ COR 6 (lv)<br>+ COR 7<br>+ REV 1 (fi)<br>+ REV 2 (en)<br>+ REV 2 COR 1 (en)<br>+ REV 3 (bg) | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 246/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81 (3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma bejn il-kumpanniji marittimi tal-linja (consortia) (Verżjoni kodifikata) | 17436/08<br>+ COR 1 (cs) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sottomissjoni ta' statistika nominali dwar il-qabda mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti zoni barra dawk tal-Atlantiku tat-Tramuntana (Tfassil mill-ġdid) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3620/2/08 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mibgħuta mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku (Tfassil mill-ġdid) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3633/3/08 REV 3 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika nominali tal-qabda mibgħuta mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal tal-Atlantiku (Tfassil mill-ġdid) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3648/2/08 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2150/2002 dwar l-istatistika tal-iskart, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3694/1/08 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva 2009/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 li temenda d-Direttiva 94/19/KE dwar skemi ta' garanzija għal depożiti fir-rigward tal-livell ta' kopertura u taż-żmien għar-rimbors (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3743/4/08 REV 4 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mid-Delegazzjoni tar-Renju Unit dwar il-Premessa (3a) tad-Direttiva**
Ir-Renju Unit jikkonferma l-intenzjoni tiegħu li juża l-flessibbiltà fid-Direttiva biex jistabbilixxi l-livell ta' kopertura ekwivalenti fil-Lira Sterlina sabiex id-depożituri jkollhom livell ta' protezzjoni ċar u stabbli mingħajr ma jkunu esposti għal varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju. Ir-Renju Unit jemmen li huwa meħtieġ li tinżamm il-fiduċja tal-konsumaturi fid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Ir-Renju Unit jinnota li l-livell ta' kopertura huwa soġġett għal reviżjoni mill-Kummissjoni Ewropea u jistenna li dawn il-kwistjonijiet prattiċi li jirrigwardaw il-konsumaturi ser jerġgħu jiġu analizzati f'dak il-mument.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet awtorizzati li jagħmlu spezzjonijiet u perizji tal-bastimenti u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi<br>(Tfassil mill-ġdid) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3719/08<br>+ COR 1 (da)<br>+ REV 1 (fi) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet awtorizzati li jagħmlu spezzjonijiet u perizji tal-bastimenti u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi | PE-CONS 3720/08 + REV 1 (fi) + REV 1 COR 1 (fi) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (tfassil mill-ġdid) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3721/08 + REV 1 (pt) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2002/59/KE li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3722/1/08 REV 1 + REV 2 (pt) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjazzjoni mill-Portugall**

Il-Portugall jemmen li l-inklużjoni tal-Artikolu 20d "Eżami mill-Kummissjoni" fid-Direttiva li tistabbilixxi sistema Komunitarja għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti tista' twassal għal sitwazzjoni diffiċli u preokkupanti ħafna fil-futur. Konkretament, il-Portugall jemmen li l-formulazzjoni tal-Artikolu 20d tista' tobbliga lill-Istati Membri, fir-rigward tal-portijiet, li jassorbu kull telf imġarrab meta bastiment mhux assigurat jidħol f'post ta' rifuġju.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u li temenda d-Direttivi 1999/35/KE u 2002/59/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3723/08 + REV 1 (fi) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3724/08 + COR 1 (da) + COR 2 (fi) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjazzjoni mill-Portugall**

Il-Portugall jesprimi tħassib serju dwar l-applikazzjoni futura tar-Regolament dwar ir-responsabbiltà tal-impriżi li jassiguraw it-trasport ta' persuni bil-baħar jew permezz tal-ilmijiet navigabbli interni f'każ ta' inċidenti lil bastimenti tal-Klassi B. Fl-opinjoni tagħna, l-applikazzjoni tar-Regolament ser ikollha konsegwenzi serji għat-trasport ta' persuni bil-baħar, speċjalment it-trasport bejn il-gżejjer, u tista' għalhekk tnaqqas b'mod sinifikanti l-mobbiltà tal-persuni. Il-Portugall jittama li, jekk dawk il-konsegwenzi jkunu kkonfermati, il-Kummissjoni Ewropea tadotta immedjatament miżuri li jissospendu l-estensjoni tal-applikazzjoni tiegħu.

**Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Taljana**

L-Italja tfaħħar l-isforzi sinifikanti tal-Kummissjoni ta' sintesi u medjazzjoni, li ppermettew li jintlaħaq kompromess dwar it-test ta' dan ir-Regolament.

L-approvazzjoni tal-pakkett dwar is-sikurezza marittima huwa pass essenzjali fit-titjib tas-sikurezza fuq il-baħar. Għal din ir-raġuni l-Italja mmodifikat il-pożizzjoni tagħha ta' qabel u tendorsja l-approvazzjoni tar-Regolament dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi, li issa jinkorpora kemm il-prinċipju li l-legislazzjoni tiġi aġġustata qabel mar-Regolament ikun applikat lil bastimenti tal-Klassi B kif ukoll il-prinċipju li jeħtieġ li ssir valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa sabiex kwalunkwe estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tista' tkun adatta għar-rabtiet ma' bastimenti fil-Klassijiet C u D.

Mal-adozzjoni finali tat-test, għandu jkun enfasizzat ukoll li l-Italja tappoġġa l-prinċipju inkorporat fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament li jippreserva d-dritt ta' Stati Membri li jkomplu jikkonformaw mad-drittijiet u d-dmirijiet internazzjonali f'dan il-qasam li kienu ssottoskrivew għalihom aktar qabel.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>FRAR 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **L-2922 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fi Brussell fl-10 ta' Frar 2009**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill (Ecofin) dwar ir-rapport ta' progress tar-Reviżjoni tas-Suq Uniku<br>5637/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-SEPA<br>5936/09 + COR 1 + COR 2 (ro)<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar linji gwida komuni għan-naħat nazzjonali u l-ħruġ tal-muniti tal-euro intenzjonati għaċ-ċirkolazzjoni<br>5615/09<br><br>Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/116/PESK tal-10 ta' Frar 2009 li testendi u temenda l-Pożizzjoni Komuni 2004/133/PESK dwar miżuri restrittivi kontra estremisti f'dik li Qabel Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM)<br>5403/09<br><br>2009/171/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 li temenda l-Anness 2, Skeda A, tal-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar viżi għall-missjonijiet diplomatiċi u postijiet konsulari, fir-rigward tal-ħtieġa ta' viża għal detenturi ta' passaport diplomatiku u ta' servizz Indoneżjan<br>16194/08 + COR 1 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>FRAR 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ftehim mal-Liechtenstein kontra l-frodi<br>6116/09<br><br>Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri relatata mal-attivitajiet tas-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2007<br>5047/09<br><br>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (is-Seba' EDF) għas-sena finanzjarja 2007<br>5042/09<br><br>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (it-Tmien EDF) għas-sena finanzjarja 2007<br>5044/09<br><br>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (id-Disa' EDF) għas-sena finanzjarja 2007<br>5045/09 + COR 1 (en) | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>FRAR 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Dikjarazzjoni Konġunta Tripartitika li tistabbilixxi "Jum Ewropew tal-112"<br>6178/09<br><br>**L-2923 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ u KULTURA), li saret fi Brussel fis-16 ta' Frar 2009**<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea dwar kooperazzjoni fir-rigward ta' attivitajiet anti-kompetittivi<br>16244/08 + COR 1 + REV 1 (sk)<br><br>Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/134/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għas-Sudan<br>5141/09 + COR 1 + COR 2 (fr)<br><br>Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/129/PESK tas- 16 ta' Frar 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM)<br>5125/09<br><br>Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/131/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-kriżi fil-Ġeorġja<br>5138/09 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>FRAR 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/130/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Ażja Ċentrali<br>5137/09 | |
| Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/133/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar<br>5140/09 | |
| Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/132/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika tal-Moldova<br>5139/09 + COR 1 (fi) | |
| Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/128/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Lagi l-Kbar Afrikani<br>5115/09 | |
| Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/136/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani<br>5275/09 + COR 1 (ro) | |
| Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/135/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan<br>5231/09 + COR 1 (en) | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>FRAR 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/138/PESK tas-16 ta' Frar 2009 dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2002/960/PESK<br>5184/09<br><br>Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/137/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo<br>5465/09<br><br>Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/139/PESK tas-16 ta' Frar 2009 li ġġedded miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova<br>5834/09<br><br>2009/246/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2009 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll mal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Unjoni Ewropea<br>13104/2/07 REV 2<br><br>2009/153/KE,Euratom: Deċiżjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni tas-16 ta' Frar 2009 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea<br>15019/08 + COR 1 + COR 2 (bg) | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>FRAR 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| 2009/170/KE,Euratom: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2009 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej fir-rigward tas-sistema lingwistika applikabbli għall-appelli kontra d-deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea<br>5739/09<br><br>**L-2924 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA), li saret Brussel fid-19 ta' Frar 2009**<br><br>2009/144/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Frar 2009 li testendi l-perijodu ta' applikazzjoni tal-miżuri fid-Deċiżjoni Nru 2002/148/KE li tikkonkludi l-konsultazzjonijiet maż-Żimbabwe taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE<br>6058/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-tieni Analiżi Strateġika dwar l-Enerġija - Pjan ta' Azzjoni tal-UE għas-sigurtà u s-solidarjetà tal-enerġija"<br>6692/09<br><br>**L-2925 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fi Brussell fis-23 ta' Frar 2009**<br><br>Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 154/2009 tat-23 ta' Frar 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1859/2005 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tal-Użbekistan<br>5272/09 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>FRAR 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea (adottat mill-Kunsill fi 23 ta' Frar 2009) (tagħmir kopert mill-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll tal-esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari) (aġġornament u sostituzzjoni tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea adottata mill-Kunsill fit-3 ta' Marzu 2008) (PESK)<br>6432/09 + REV 1 (fr) + REV 2 (es)<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iraq<br>6580/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sri Lanka<br>6526/09 + COR 1 (es)<br><br>Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 160/2009 tat-23 ta' Frar 2009 li jemenda l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għal Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej<br>5422/09<br><br>Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għar-raba' laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Libanu (Brussell, 23 ta' Frar 2009)<br>6441/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u ta' Verifika għall-Bulgarija u r-Rumanija<br>6694/09 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>FRAR 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **L-2927 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJIET INTERNI), li saret fi Brussel fis-26 u s-27 ta' Frar 2009**<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar f'isem il-Komunitá Ewropea tal-Konvenzjoni dwar l-Għażla tal-Qorti<br>16248/08 + COR 1 (de) + COR 2 (da) + COR 3 (fi) + COR 4 (bg) + COR 5 (en)<br><br>2009/167/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2009 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas- 27 ta' Marzu 2000 li tawtorizza lid-Direttur tal-Europol jidħol f'negozjati dwar ftehimiet ma' Stati terzi u korpi mhux relatati mal-UE<br>5439/09<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni Nru 198 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-laundering, it-tfittxija, is-sekwestru u l-konfiska tar-rikavati mill-kriminalità u dwar il-finanzjament tat-terroriżmu<br>16695/08 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>FRAR 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **Dikjarazzjoni minn Spanja**<br>Jekk il-Konvenzjoni Nru 198 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-laundering, it-tfittxija, is-sekwestru u l-konfiska tar-rikavati mill-kriminalità u dwar il-finanzjament tat-terroriżmu tapplika għal Ġibiltà, Spanja tixtieq tagħmel id-dikjarazzjoni li ġejja:<br>1. Ġibiltà hija territorju mhux awtonomu li r-relazzjonijiet esterni tagħha huma r-responsabbiltà tar-Renju Unit, u li għaddejja minn proċess ta' dekolonalizzazzjoni f'konformità mad-deċiżjonijiet u r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.<br>2. L-awtoritajiet ta' Ġibiltà huma ta' natura lokali u jeżerċitaw esklussivament setgħat interni li jinbtu minn u huma bbażati fuq setgħat mgħoddija u konferiti mir-Renju Unit, f'konformità mal-liġi domestika tiegħu, bħala Stat sovran li fuqu jiddependi t-territorju mhux awtonomu kkonċernat.<br>3. Bħala riżultat, kwalunkwe parteċipazzjoni mill-awtoritajiet ta' Ġibiltà fl-applikazzjoni ta' dan it-Trattat għandha tinftiehem li sseħħ esklussivament fi ħdan il-qafas tas-setgħat interni ta' Ġibiltà u ma tistax titqies li tipproduċi kwalunkwe bidla fir-rigward tas-sitwazzjoni kif deskritta fiż-żewġ paragrafi preċedenti. | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill tas- 26 ta' Frar 2009 li jappoġġaw il-ħidma leġislattiva tal-Kunsill tal-Ewropa fil-qasam tal-ġustizzja kriminali<br>17352/1/08 REV 1 + REV 2 (fi) | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-SIS II<br>6896/09 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/293/PESK tas-26 ta' Frar 2009 dwar Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Kenja dwar il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet tat-trasferiment ta' persuni suspettati li kkommettew atti ta' piraterija u li nżammu mill-Forzi Navali mmexxija mill-Unjoni Ewropea (EUNAVFOR), u proprjetà maqbuda fil-pussess tal-EUNAVFOR, mill-EUNAVFOR lill-Kenja u għat-trattament tagħhom wara tali trasferiment<br>5348/09 + COR 1 + COR 2 (fi) + REV 1 (mt) | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>FRAR 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/164/CFSP tat-26 ta' Frar 2009 li ġġedded il-miżuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY)<br>6334/09<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra<br>8161/06<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea.<br>7999/08 | |